DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Ottubru 2013

li tistabbilixxi l-lista ta' territorji u pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjoni ta' klieb, qtates u inmsa u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għal tali importazzjonijiet

(notifikata bid-dokument C(2013) 6721)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/519/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar is-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE [1], u b'mod partikolari l-fraża introduttorja u l-punt (b) tal-Artikolu 17(2), l-punt (a) tal-Artikolu 17(3) u l-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 92/65/KEE tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet ta' ċerti annimali fl-Unjoni. Din tistipula li l-kondizzjonijiet ta' importazzjoni għal klieb, qtates u inmsa għandhom ikunu mill-inqas ekwivalenti għall-kondizzjonijiet rilevanti previsti fir- Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-moviment mhux kummerċjali ta' annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 [2].

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jistipula li fejn l-għadd ta' klieb, qtates jew inmsa li ġew spustati għal raġunijiet mhux kummerċjali jaqbeż il-ħamsa matul moviment waħdieni, dawk l-annimali miżmuma bħala annimali domestiċi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fid-Direttiva 92/65/KEE għall-ispeċi kkonċernati, ħlief għal ċerti kategoriji ta' annimali li għalihom hija prevista deroga bir-Regolament (UE) Nru 576/2013 taħt ċerti kondizzjonijiet.

(3) Id-Direttiva 92/65/KEE tistipula li klieb, qtates u inmsa jridu jiġu impurtati fl-Unjoni minn pajjiżi terzi biss li jinsabu fil-lista mħejjija skont il-proċedura msemmija f'din id-Direttiva. Barra minn hekk, dawn l-annimali jridu jkunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa li jikkorrispondi għall-mudell imħejji skont il-proċedura msemmija fiha.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/874/UE tal-15 ta' Diċembru 2011 li tistabbilixxi l-lista tal-pajjiżi terzi u t-territorji awtorizzati għall-importazzjoni ta' klieb, qtates u inmsa u għall-movimenti mhux kummerċjali ta' iktar minn ħamest iklieb, qtates u inmsa fl-Unjoni, kif ukoll iċ-ċertifikati mudell għall-importazzjoni u l-movimenti mhux kummerċjali ta' dawn l-annimali fl-Unjoni [3] tistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għal importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, qtates u inmsa u tistipula li t-territorji jew il-pajjiżi terzi li jaslu minnhom, kif ukoll kwalunkwe territorji jew pajjiżi terzi li minnhom jgħaddu fi transitu għandhom jew jiġu elenkati fit-Taqsima 2 tal-Parti B jew fil-Parti C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE [4] jew jiġu elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-rekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja. [5].

(5) Fl-interess tal-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, huwa xieraq li tiġi inkluża f'dik il-lista ta' pajjiżi terzi u territorji awtorizzati l-lista ta' pajjiżi terzi li huma approvati għall-importazzjoni tal-equidae fl-Unjoni, għaliex dawk il-pajjiżi terzi taw ukoll garanziji suffiċjenti dwar l-eżistenza u l-implimentazzjoni ta' regoli u prinċipji ta' ċertifikazzjoni li għandhom jiġu osservati minn uffiċjali ta' pajjiżi terzi li jiċċertifikaw fil-ħruġ taċ-ċertifikati mitluba mil-leġiżlazzjoni veterinarja biex tiġi evitata ċ-ċertifikazzjoni qarrieqa jew falza. Il-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin hija attwalment stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet Nru 93/195/KEE u 94/63/KE [6].

[1] ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.
[2] ĠU L 178, 28.6.2013, p. 1.
[3] ĠU L 343, 23.12.2011, p. 65.
[4] ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1.
[5] ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1.
[6] ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 ġie revokat bir-Regolament (UE) Nru 576/2013. Konsegwentement, il-lista ta' territorji u pajjiżi terzi elenkati preċedentement fit-Taqsima 2 tal-Parti B jew fil-Parti C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 hija issa stipulata fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 dwar id-dokumenti ta' identifikazzjoni mudell għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, it-twaqqif ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u r-rekwiżiti ta' format, tqassim tal-paġni u l-lingwa tad-dikjarazzjonijiet mudell li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kondizzjonijiet previsti fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(7) Din id-Deċiżjoni għandha għalhekk tistipula li l-importazzjonijiet ta' klieb, qtates jew inmsa fl-Unjoni jiġu awtorizzati biss minn territorji u pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE, fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jew fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.

(8) Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 jistipula li klieb, qtates u inmsa ma għandhomx jiġu mċaqilqa għal ġo Stat Membru minn territorju jew pajjiż terz għajr dawk elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 sakemm ma jkunx sarilhom test tat-titrazzjoni tal-antikorpi tal-idrofobija li jkun konformi mar-rekwiżiti tal-validità stipulati fl-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 576/2013.

(9) Dawk ir-rekwiżiti jinkludu l-obbligu li jitwettaq dan it-test f'laboratorju approvat skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandardizzazzjoni ta' testijiet serloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqima kontra l-idrofobija ([2]) li tistipula li *Agence française de sécurité sanitaire des aliments* (AFSSA) f'Nancy, Franza (mill-1 ta' Lulju 2010 maqgħuda ma' *Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail,* ANSES) għandha tevalwa l-laboratorji fl-Istati Membri u pajjiżi terzi għall-finijiet tal-awtorizzazzjoni tagħhom li jwettqu testijiet seroloġiċi biex isegwu l-effettività tat-tilqima kontra l-idrofobija fil-klieb, qtates u inmsa.

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/64/KE tas-26 ta' Jannar 2005 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-importazzjoni għal qtates, klieb u inmsa għal korpi, istituti u ċentri ([3]) approvati tistabbilixxi ċertifikat veterinarju mudell għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' dawn l-annimali intiżi għal korpi, istituti u ċentri approvati skont id-Direttiva 92/65/KEE u tistipula li l-importazzjonijiet ta' dawk l-annimali jridu jiġu awtorizzati minn territorji jew pajjiżi terzi elenkati f'Taqsima 2 ta' Parti B jew f'Parti C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003.

(11) Din id-Deċiżjoni għandha għalhekk tipprevdi li l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, qtates jew inmsa intiżi għal korpi, istituti u ċentri approvati skont id-Direttiva 92/65/KEE jkunu awtorizzati biss minn territorji u pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.

(12) Din id-Deċiżjoni għandha għalhekk tistabbilixxi l-lista ġdida ta' territorji u pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjonijiet ta' klieb, qtates u inmsa fl-Unjoni, kif ukoll mudell komuni taċ-ċertifikat tas-saħħa għal importazzjonijiet fl-Unjoni ta' annimali bħal dawn. Id-Deċiżjoni 2005/64/KE għandha għalhekk tiġi revokata.

(13) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/274/KE tat-18 ta' April 1994 li tistabbilixxi sistema ta' identifikazzjoni għall-klieb u l-qtates li jitqiegħdu fis-suq fir-Renju Unit u fl-Irlanda u li ma joriġinawx f'dawk il-pajjiżi ([4]) u Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/275/KE tat-18 ta' April 1994 dwar ir-rikonoxximent tal-vaċċini kontra l-idrofobija (rabies) ([5]), adottata fuq il-bażi tad-Direttiva 92/65/KEE qabel l-emendi introdotti bir-Regolament (KE) Nru 998/2003, saru obsoleti u għandhom għalhekk jiġu mħassra.

(14) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali ([6]) tistipula r-regoli li għandhom jiġu osservati fil-ħruġ taċ-ċertifikati mitluba mil-leġiżlazzjoni veterinarja biex tiġi evitata ċ-ċertifikazzjoni qarrieqa jew falza. Huwa xieraq li jiġi żgurat li r-regoli u l-prinċipji tal-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dik id-Direttiva jiġu applikati mill-uffiċjali veterinarji tal-pajjiżi terzi.

(15) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011 tal-14 ta' Lulju 2011 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb ([7]) jipprevedi li mill-1 ta' Jannar 2012, klieb li jidħlu fl-Istati Membri jew partijiet minnhom elenkati fl-Anness I tiegħu għandhom jiġu ttrattati kontra l-parassita *Echinococcus multilocularis* skont ir-rekwiżiti stipulati f'dak ir-Regolament.

([1]) ĠU L 178, 28.6.2013, p. 109.
([2]) ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40.
([3]) ĠU L 27, 29.1.2005, p. 48.
([4]) ĠU L 117, 7.5.1994, p. 40.
([5]) ĠU L 117, 7.5.1994, p. 41.
([6]) ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28.
([7]) ĠU L 296, 15.11.2011, p. 6.

(16) Jeħtieġ li jiġi stipulat perjodu tranżitorju sabiex l-Istati Membri jingħataw żmien biżżejjed biex jaġġustaw għarregoli l-ġodda stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u b'mod partikolari biex ikun permess, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet, l-użu ta' ċertifikati tas-saħħa tal-annimali maħruġa skont ir-regoli tal-Unjoni applikabbli qabel id-data ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(17) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Lista ta' territorji jew pajjiżi terzi li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni ta' klieb, qtates jew inmsa skont id-Direttiva 92/65/KEE

1. Kunsinni ta' klieb, qtates jew inmsa li huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/65/KEE għandhom jiġu impurtati biss fl-Unjoni kemm-il darba l-pajjiżi terzi jew it-territorji li jaslu minnhom, kif ukoll kwalunkwe territorju jew pajjiż terz li jgħaddu minnu, ikunu inklużi f'waħda mil-listi stabbiliti f':

(a) L-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE;

(b) Il-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010;

(c) L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-kunsinni ta' klieb, qtates jew inmsa destinati għal korpi, istituti u ċentri approvati skont id-Direttiva 92/65/KEE għandhom jiġu impurtati biss fl-Unjoni kemm-il darba l-pajjiżi terzi jew it-territorji li jaslu minnhom, kif ukoll kwalunkwe territorju jew pajjiż terz li jgħaddu minnu, ikunu inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 1(c).

Artikolu 2

Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjonijiet minn territorji jew pajjiżi terzi

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw biss l-importazzjoni ta' klieb, qtates jew inmsa, li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness u mimli u ffirmat minn veterinarju uffiċjali skont in-noti ta' spjegazzjoni stipulati fil-Parti 2 tal-Anness.

(b) jikkonformaw mar-rekwiżiti taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fil-punt (a) fir-rigward tat-territorji jew tal-pajjiżi terzi li jkunu ġejjin minnu u kwalunkwe territorji jew pajjiżi terzi li jgħaddu minnhom, kif imsemmi fil-paragrafu 1(a), (b) u (c) tal-Artikolu 1.

Artikolu 3

Revoki

Id-Deċiżjonijiet 94/274/KE, 94/275/KE u 2005/64/KE huma mħassra.

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Għal perjodu tranżitorju sad-29 ta' April 2015, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, qtates jew inmsa li jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa maħruġ mhux aktar tard mit-28 ta' Diċembru 2014 skont il-mudelli stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni 2005/64/KE jew fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/874/UE.

Artikolu 5

Applikabbilità

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-29 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 6

L-Indirizzati

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

PARTI 1

Mudell ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, qtates u inmsa

PAJJIŻ **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8.	
I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
I.11. Post tal-oriġini Isem Indirizz Nru tal-approvazzjoni Isem Indirizz Nru tal-approvazzjoni Isem Indirizz Nru tal-approvazzjoni		I.12. Post ta' destinazzjoni: Isem Indirizz Nru tal-approvazzjoni	
I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezz tat-trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji		I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-Prodott (Kodiċi HS) **010619**	
		I.20. Kwantità	
I.21.		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur		I.24.	
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Oħrajn ☐ Annimali domestiċi ☐ Korpi approvati ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (Isem xjentifiku)	Sistema ta' identifikazzjoni	Data ta' applikazzjoni u/jew qari tat-trasponder jew it-tatwaġġ [jj/xx/ssss]	Numru tal-identifikazzjoni	Data tat-twelid [jj/xx/ssss]

PAJJIŻ **Importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, qtates, inmsa**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, hawn taħt iffirmat, l-uffiċjal veterinarju ta' ..... *(daħħal l-isem tal-pajjiż terz)* niċċertifika li l-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28:

II.1. ġejjin minn stabbilimenti jew negozji deskritti fil-Kaxxa I.11 li huma rreġistrati mill-awtorità kompetenti u mhumiex suġġetti għal kwalunkwe projbizzjoni minħabba raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, fejn l-annimali jiġu eżaminati regolarment u huma konformi mal-ħtiġijiet li jassiguraw il-benessri tal-annimali miżmuma;

II.2. ma wrew l-ebda sinjal ta' mard u kienu b'saħħithom biżżejjed biex jiġu trasportati fuq il-vjaġġ intenzjonat, fil-waqt tal-eżami minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti fi żmien 48 siegħa qabel il-ħin tat-tluq;

(1) *jew* [II.3. huma destinati għal korp, istitut jew ċentru deskritt fil-Kaxxa I.12 u approvati skont l-Anness C tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE, u ġejjin minn territorju jew pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013.]

(1) *jew* [II.3. kellhom tal-inqas 12-il ġimgħa dakinhar tat-tilqima kontra l-idrofobija u tal-inqas għaddew 21 jum wara li tkun tlestiet it-tilqima primarja kontra l-idrofobija (2) mwettqa skont ir-rekwiżiti ta' validità stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u kull tilqim mill-ġdid sussegwenti twettaq fi żmien il-perjodu ta' validità tat-tilqima ta' qabel (3); u wkoll

(1) *jew* [II.3.1. ġejjin minn territorju pajjiż jew terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 u d-dettalji tat-tilqima attwali kontra l-idrofobija huma pprovduti fit-tabella];

(1) *jew* [II.3.1. ġejjin jew huma skedati li jittranżitaw minn territorju jew pajjiż terz elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE jew fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010, u test tat-titrazzjoni tal-antikorpi tal-idrofobija (4), imwettaq fuq kampjun tad-demm meħud mill-veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti mhux aktar tard minn 30 jum wara t-tilqima preċedenti u tal-inqas tliet xhur qabel id-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ta riżultat ta' titrazzjoni daqs jew iktar minn 0,5 IU/ml u kull tilqima mill-ġdid sussegwenti twettqet fil-perjodu ta' validità tat-tilqima preċedenti, u d-dettalji tat-tilqima attwali kontra l-idrofobija u d-data tat-teħid tal-kampjuni għall-ittestjar tar-risposta immunitarja huma pprovduti fit-tabella hawn taħt:

Kodiċi alfanumeriku tat-trasponder jew tat-tatwaġġ tal-annimal	Data tat-tilqima [jj/xx/ssss]	Isem u manifattur tal-vaċċin	Numru tal-lott	Validità tat-tilqima		Data tat-teħid ta' kampjun tad-demm [jj/xx/ssss]
				Minn [jj/xx/ssss]	Sa [jj/xx/ssss]	
						];

(1) *jew* [II.4. huma klieb destinati għal Stat Membru elenkat fl-Anness I tar-Regolament iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011 u ġew ittrattati kontra l-*Echinococcus multilocularis* u d-dettalji tat-trattament li ngħata mill-veterinarju li amministrah skont l-Artikolu 7 tar-Regolament iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011 (5) (6) jinsabu fit-tabella li ġejja]

(1) *jew* [II.4. ma ġewx ittrattati kontra l-*Echinococcus multilocularis*.]

PAJJIŻ **Importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, qtates, inmsa**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Transponder jew numru tat-tatwaġġ tal-annimal	Trattament Anti-*echinococcus*		Il-veterinarju li jamministra
	Isem u manifattur tal-prodott	Data [jj/xx/ssss] u ħin tat-trattament [00:00]	Isem b'ittri kbar, timbru u firma
			]]

Noti

(a) Dan iċ-ċertifikat huwa intiż għall-klieb (*Canis lupus familiaris*), qtates (*Felis silvestris catus*) u inmsa (*Mustela putorius furo*).

(b) Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem mid-data ta' ħruġ mill-veterinarju uffiċjali. Fil-każ ta' trasport bil-baħar, il-perjodu ta' 10 ijiem, huwa estiż b'perjodu addizzjonali li jikkorrispondi għal kemm idum il-vjaġġ bil-baħar.

Parti I:

Kaxxa I.11: Pajjiż ta' oriġini: isem u indirizz tal-istabbiliment li qed jibgħat. Indika n-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni.

Kaxxa I.12: Post ta' destinazzjoni: obbligatorju fejn l-annimali huma destinati għal korp, istitut jew ċentru approvat bi qbil mal-Anness C tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE.

Kaxxa I. 25: *Prodotti bażiċi iċċertifikati għal*: indika "oħrajn" fejn l-annimali jiġu mċaqilqa skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Kaxxa I.28: *Sistema ta' identifikazzjoni:* agħżel transponder jew tatwaġġ.

— Fil-każ ta' trasponder: agħżel id-data tal-applikazzjoni jew tal-qari

— Fil-każ ta' tattwaġġ: agħżel id-data tal-applikazzjoni u tal-qari. It-tatwaġġ irid ikun wieħed li jinqara sew u jkun ġie applikat qabel it-3 ta' Lulju 2011.

Numru ta' identifikazzjoni: indika l-kodiċi alfanumeriku tat-trasponder jew tat-tatwaġġ

Parti II:

([1]) Agħżel skont il-każ.

([2]) Kull tilqim mill-ġdid għandu jiġi kkunsidrat bħala tilqim primarju jekk ma ngħatax fil-perjodu ta' validità tat-tilqima preċedenti.

([3]) Maċ-ċertfikat għandha tinħemeż kopja ċċertifikata tad-dettalji tal-identifikazzjoni u tat-tilqimiet tal-annimali kkonċernati.

([4]) It-test ta' titrazzjoni tal-antikorpi tal-idrofobija msemmi fil-punt II.3.1:

— irid isir fuq kampjun miġbur minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti, tal-inqas 30 jum wara d-data tat-tilqima u tliet xhur qabel id-data tal-importazzjoni;

— irid ikollu livell ta' antikorpi li jinnewtralizzaw il-vajrus tal-idrofobija fis-serum ekwivalenti għal 0,5 IU/ml jew iktar;

— must be performed by a laboratory approved in accordance with Article 3 of Council Decision 2000/258/KE (list of approved laboratories available at http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/pets/approval_en.htm);

— ma hemmx għalfejn jerġa' jsir fuq annimal li, wara li jkun sar it-test u ħarġu riżultati tajbin, ikun tlaqqam mill-ġdid kontra l-idrofobija fil-perjodu ta' validità tat-tilqima preċedenti.

PAJJIŻ **Importazzjonijiet fl-Unjoni ta' klieb, qtates, inmsa**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Maċ-ċertifikat trid tinhemeż kopja tar-rapport uffiċjali mil-laboratorju approvat dwar ir-riżultat tat-test tal-antikorpi tal-idrofobija msemmi fil-punt II.3.1.

([5]) It-trattament kontra l-Echinococcus multilocularis imsemmi fil-punt II.4 irid:

— ikun amministrat minn veterinarju f'perjodu ta' mhux iktar minn 120 siegħa u mhux inqas minn 24 siegħa qabel il-ħin tad-dħul skedat tal-klieb f'wieħed mill-Istati Membri jew partijiet minnu li huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament Iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011;

— jikkonsisti fi prodott mediċinali approvat li jinkludi fih id-doża xierqa ta' praziquantel jew sustanzi farmakoloġikament attivi, li waħidhom jew flimkien, taw provi li jnaqqsu l-piż tal-forom intestinali kemm dawk maturi kif ukoll dawk li mhumiex tal-Echinococcus multilocularis fl-ispeċi ospitanti kkonċernata.

([6]) It-tabella msemmija fil-punt II.4 trid tintuża biex jiġu ddokumentati d-dettalji ta' trattament ulterjuri jekk jiġi ssomministrat wara d-data li fiha jiġi ffirmat iċ-ċertifikat u qabel id-dħul skedat ġewwa wieħed mill-Istati Membri jew partijiet minnhom elenkati fl-Anness I tar-Regolament iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1152/2011.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

PARTI 2

Noti ta' spjegazzjoni għall-mili taċ-ċertifikati veterinarji

(a) Fejn iċ-ċertifikat jiddikjara li ċerti dikjarazzjonijiet għandhom jinżammu kif imiss, dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti jistgħu jkunu ingassati, inizjalati u ttimbrati mill-uffiċjal veterinarju, jew jitħassru għalkollox miċ-ċertifikat.

(b) L-oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jkun magħmul minn folja waħda jew, fejn huwa meħtieġ aktar test, għandu jkun f'tali forma li l-folji kollha meħtieġa jiffurmaw ċertifikat sħiħ integrat li ma jkunx diviżibbli.

(c) Iċ-ċertifikat għandu jitħejja f'tal-inqas waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn jinsab l-istazzjon għall-ispezzjoni mal-fruntiera mnejn tidħol il-konsenja fl-Unjoni, kif ukoll f'dik tal-Istat Membru tad-destinazzjoni. Madankollu, dawk l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-ħruġ taċ-ċertifikat bil-lingwa uffiċjali ta' Stat Membru ieħor, u li jkun akkumpanjat, jekk jeħtieġ, minn traduzzjoni uffiċjali.

(d) Jekk għal raġunijiet ta' identifikazzjoni tal-oġġetti tal-konsenja (skeda fil-punt I.28), jinħemżu maċ-ċertifikat folji ta' karta addizzjonali jew dokumenti ta' sostenn, dawk il-folji ta' karta jew dokument għandhom jiġu kkunsidrati ukoll bħal parti mill-kopja oriġinali taċ-ċertifikat billi jiġu ffirmati u ttimbrati fuq kull waħda mill-paġni mill-uffiċjal veterinarju.

(e) Meta ċ-ċertifikat, inklużi l-iskedi addizzjonali msemmija fil-punt (c), ikun magħmul minn aktar minn paġna waħda, kull paġna tiġi nnumerata, (numru tal-paġna) minn (numru totali tal-paġni), fl-aħħar tal-paġna u jkollha fuqha n-numru tar-referenza taċ-ċertifikat indikat mill-awtorità kompetenti fin-naħa ta' fuq tal-paġni.

(f) Iċ-ċertifikat oriġinali għandu jimtela u jkun iffirmat minn veterinarju uffiċjali tat-territorju jew pajjiż terz li jkun qed jesporta. L-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju li qed jesporta għandha tiżgura li jiġu osservati r-regoli u l-prinċipji għaċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 96/93/KE.

Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. Din il-kondizzjoni tapplika wkoll għal timbri għajr dawk ibbuzzati jew b'marka li tidher meta mqiegħda kontra d-dawl.

(g) In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat imsemmi fil-kaxxi I.2 u II.a. għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti tat-territorju jew pajjiż terz li jesporta.